Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-14 ta' Awwissu, 2003

Appell Kriminali Numru. 36/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Andre` Sant**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Andre` Sant talli fil-31 ta' Jannar, 2003 ghall-habta tat-8.00 a.m. gewwa l-fond numru 34, Triq in-Nahal, Mosta, hebb ghal Charmaine Sant u kkagunalha feriti [recte: offizi] ta' natura hafifa skond ma ccertifikat Dott. Miriam Vella M.D. mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Frar, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Andre` Sant hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, ikkundanntu multa ta' hamsa w teltin lira (Lm35) u rabtitu b'obbligazzjoni tieghu nnfisu taht penali ta' multa

ta’ mitt lira ghal periodu ta’ tnax-il xahar li b’ebda mod ma jimmolesta lil Charmaine Sant;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Andre` Sant, minnu pprezentat fit-28 ta' Frar, 2003 li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluza n-nota ta’ l-Avukat Generali tal-5 ta’ Gunju, 2003; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

1. Permezz tan-nota tieghu l-Avukat Generali eccepixxa n-nullita` tar-rikors ta’ appell peress li t-talba ghas-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza ma saritx minnufih wara l-pronunzjament ta’ l-istess sentenza izda fis-27 ta’ Frar, 2003. In sostenn ta’ din il-pregudizzjali l-Avukat Generali ghamel referenza ghal tlett sentenzi ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta), u cioe` ***Il-Pulizija v. George Cefai*** (23/4/97), ***Il-Pulizija v. Victor Vella*** (6/1/03) u ***Il-Pulizija v. Emanuel Sammut*** (30/1/03).

2. Issa, mill-atti jirrizulta li s-sentenza inghatat, kif inghad, fid-19 ta’ Frar, 2003, mentri l-appellant Sant talab is-sospensjoni ta’ l-ezekuzzjoni tas-sentenza biss fis-27 ta’ Frar, 2003, filwaqt li l-ghada, 28 ta’ Frar, 2003 huwa pprezenta r-rikors ta’ appell tieghu.

3. L-Artikolu 417(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li r-rikors ta’ appell tal-persuna misjuba hatja ghandu jingieb quddiem il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fi zmien tmint ijiem tax-xoghol jew tnax-il jum tax-xoghol (skond jekk is-sentenza tkunx inghatat Malta jew Ghawdex) <u>mill-gurnata tas-sentenza definittiva</u>. L-Artikolu immedjatament precedenti, imbghad, jipprovdi li l-persuna misjuba hatja tista’ “meta tiddikjara, imqar bil-fomm, li <u>trid tappella mis-sentenza</u>, taqla’ mill-Qorti Inferjuri t-twaqqif ta’ l-ezekuzzjoni tas-sentenza” kemm-il darba taghti, jekk ikun il-kaz[1], id-debita garanzija. Ghalhekk ma huwiex il-kaz, kif irriteniet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza

[1] Ara l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 416 li jipprovdi li f’certi kazijiet il-garanzija “ma tkunx mehtiega hlief b’talba tal-prosekuzzjoni u meta jkun hemm raguni tajba li tissodisfa l-qorti”.

aktar 'l fuq imsemmija fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Emanuel Sammut*** (30/1/03), li hemm bzonn li jkun hemm talba espressa ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza: kwalsiasi kliem adoperat li minnu jkun jirrizulta sostanzjalment car li dak li jkun irid jappella jammonta ghal "talba" ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza ghall-finijiet tal-Artikolu 416 imsemmi.

4. Il-kwistjoni li trid tiddetermina din il-Qorti hi jekk tali talba ghandhiex bilfors issir immedjatament wara l-pronunzjament tas-sentenza jew jekk tistax issir f'xi zmien wara. Jibda biex jinghad li l-Artikolu 416, a differenza ta' l-Artikolu 499(3) tal-Kodici Kriminali, ma jirrikjedix espressament li l-avviz ta' appell ghandu jinghata "minnufih wara li tigi moghtija d-decizjoni tal-qorti". Jidher li kienu biss certi sentenzi, fosthom dawk citati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu[2], li ezigew li t-talba ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza ghandha ssir minnufih wara l-pronunzjament tas-sentenza da parti tal-Qorti tal-Magistrati. L-argument favur tali tezi hu, bazikament, illi galadarba ma ma jkunx hemm tali talba, allura s-sentenza ghandha – salv dak li jinghad fl-Artikolu 665 tal-Kodici Kriminali – tigi ezegwita minnufih. Mill-banda l-ohra ma hemm xejn fil-ligi li espressament jimpedixxi li sentenza, li ma tkunx giet ezegwita jew ezegwita kollha kemm hi entro it-tmint ijiem jew it-tnax-il jum tax-xoghol skond il-kaz, tigi sospiza l-ezekuzzjoni taghha. Dak li l-ligi, kif riflessa anke fil-gurisprudenza, ma tridx, hu li jkun hemm l-akwijixxjenza f'dik is-sentenza da parti tal-hati, li wara jipprova jappella minnha. Tali akwijixxjenza tirrizulta meta (**1**) jew il-hati jaghmel, fiz-zmien stabbilit ghall-appell jew anke wara li jkun ipprezenta r-rikors ta' appell, xi haga li turi li qed joqghod ghal dik is-sentenza (bhal, per ezempju, ihallas il-multa jew ammenda, jew anke semplicement jitlob zmien ghall-hlas rateali – ara ***Il-Pulizija v. Carmel Attard*** 30/6/95)[3]

---

[2] Ara wkoll is-sentenza ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tad-19 ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Andrea Stellato***. F'din is-sentenza gie, pero`, stabbilit ukoll li fil-kaz tal-piena ta' canfira u twiddiba ma hemmx bzonn, ghall-finijiet ta' l-appell, li jkun hemm talba ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza.

[3] Il-fatt li l-persuna misjuba hatija tiffirma l-obbligazzjoni tal-garanzija skond l-Artikolu 386 tal-Kodici Kriminali ma jammontax ghal akwijixxjenza, peress li tali kitba hija parti

jew (**2**) meta l-hati, entro z-zmien stabbilit ghall-prezentata tar-rikors ta’ appell, jonqos milli jitlob is-sospensjoni ta’ l-ezekuzzjoni tas-sentenza. Huwa f’dan is-sens li l-gurisprudenza pparifikat, bhala massima generali, in-nuqqas ta’ talba ghas-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza skond l-Artikolu 416 ma’ l-akwijixxjenza (ara, *inter alia*, ***Il-Pulizija v. Francis Scicluna*** 20/1/95), u cioe` meta l-hati, minghajr ma qabel jitlob is-sospensjoni ta’ l-ezekuzzjoni tas-sentenza, jghaddi biex jipprezenta r-rikors ta’ appell. S’intendi, tista’ tokkorri sitwazzjoni fejn is-sentenza (ezempju ta’ gurnata jew jumejn detenzjoni) tigi ezegwita kollha qabel ma l-hati jkun ghamel it-talba ghas-sospensjoni ta’ l-ezekuzzjoni ta’ tali sentenza entro t-tmint ijiem jew it-tnax-il jum tax-xoghol aktar ‘l fuq imsemmija. F’dak il-kaz, galadarba s-sentenza tkun giet kollha kemm hi ezegwita, ma tistax tintalab is-sospenjoni ta’ l-ezekuzzjoni taghha u, ghalhekk, anqas jista’ jsir appell minnha.

5. Fil-kaz odjern, is-sentenza ta’ multa ta’ hamsa w tletin lira kienet ghadha ma gietx ezegwita – la jirrizulta li kienet thallset mill-appellant u anqas jirrizulta li kienet giet konvertita fi, u skontata bhala, prigunerija. It-talba ghas-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni tas-sentenza saret entro z-zmien stabbilit ghall-prezentata tar-rikors ta’ appell u qabel ma gie pprezentat tali rikors. Konsegwentement din il-Qorti qed tirrespingi l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali dwar l-irritwalita` u n-nullita` tar-rikors ta’ appell.

6. Fil-meritu, din il-Qorti tosserva li fl-udjenza tal-5 ta’ Awissu, 2003 Charmaine Sant, li tigi mart l-appellant, fissret ix-xewqa taghha li ma tixhedx kontra zewgha u dan peress li huma kienu rrangaw id-divergenzi kollha li kien hemm bejnitehom u kienu qed jaghmlu minn kollox biex jippruvaw isalvaw iz-zwieg. Il-prosekuzzjoni ma insistietx ghad-deposizzjoni taghha, u din il-Qorti wzat id-diskrezzjoni moghtija lilha bl-Artikolu 633(2) tal-Kodici Kriminali u ezentat lill-imsemmija Charmaine Sant milli

---

integrali mis-sentenza ta’ l-ewwel qorti, u jekk il-hati jirrifjuta li hekk jiffirma quddiem l-ewwel qorti dik il-qorti tista’ zzommu arrestat skond l-Artikolu 385(1).

tixhed. Konsegwentement ma hemm ebda prova fl-atti ta' dak migjuba fl-imputazzjoni.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------